MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 252/2017 LM

**Stephen Galli (K.I. Numru 191009L)**

***vs.***

**1. Nathalie Barbara u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2017 l-isem ġie korrett għal Nathalie Balzan; 2. Citadel Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-21 ta' Marzu, 2017 mill-attur **Stephen Galli** (K.I. Numru 191009L) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fis-26 ta' Awwissu 2011 seħħ inċident ġewwa Triq il-Mosta, ġewwa Ħal Lija;*
2. *Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba imprudenza, nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u negliġenza da parti tal-konvenuta Nathalie Balzan;*

3. *Illi l-attur kien għaddej fi triq ewlenija u l-intimata ħarġet minn triq sekondarja u tajret lill-attur, li kien għaddej fi triqtu, u dan saħansitra minn fuq il-mutur;*

4. *Illi bħala riżultat ta' dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi gravi, konsistenti f'diżabilità permanenti;*

5. *Illi għalhekk l-attur konsegwentement sofra danni konsistenti f'lucrum cessans u damnum emergens;*

6. *Illi l-konvenuti ġew interpellati anke permezz ta' ittra uffiċjali iżda baqgħu inadempjenti.*

*Għalhekk l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li l-attur sofra danni bħala riżultat tal-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-26 ta' Awwissu 2011;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, minħabba imprudenza, nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u negliġenza tal-istess konvenuta Nathalie Balzan;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;*

4. *Tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu d-danni sofferti mill-attur hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali u bl-imgħax legali min-notifika tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv da parti tal-konvenuti, kontra l-istess konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Citadel Insurance plc** (C21550) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fil-21 ta' April, 2017, u maħlufa minn Dr Philippa Taylor East (K.I. 415679M), li biha eċċepiet:

1. *Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi, sa fejn hi edotta l-eċċipjenti, fl-inċident de quo ma kienet involuta ebda Nathalie Barbara u l-eċċipjenti ma kienet qed tkopri ebda Nathalie Barbara permezz ta' polza ta' assigurazzjoni dakinhar tal-inċident de quo – għaldaqstant l-eċċipjenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma tistax tiġi kkundannata ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-inċident de quo seħħ biss b'tort imputabbli lill-attur;*

4. *Illi għalhekk ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attur, li del resto għandhom jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Nathalie Balzan** (K.I. 37084M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Marzu, 2018, u maħlufa minnha stess, fejn eċċepiet:

1. *Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-inċident de quo seħħ biss b'tort imputabbli lill-attur;*

3. *Illi għalhekk ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attur, li del resto għandhom jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-Liġi;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Dikjarazzjoni Maħlufa ta' Nathalie Balzan:*

*Tesponi bir-rispett u l-Avukat Philippa Taylor East, debitament awtorizzata, bil-Malti u bil-ġurament tagħha tgħid:*

1. *Illi jien m'għandix tort għall-inċident li fih jgħid li korra Stephen Galli;*

2. *Illi jien niftakar li rċevejt ittra uffiċjali f'Ġunju tal-2013 mis-Sur Galli, iżda sa fejn niftakar, ma rċevejtx karta oħra mill-Qorti fuq dan il-każ qabel il-5 ta' Marzu 2018. Għalhekk, l-Avukat spjegali li x'aktarx dan il-każ għandu jaqa' waħdu għax għadda ż-żmien li fih kellu jipproċedi kontra tiegħi s-Sur Galli.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri partijiet,

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fis-26 ta' Awwissu 2011 l-attur u l-konvenuta kienu involuti f'inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq il-Mosta, ġewwa Ħal Lija, preċiżament quddiem l-istabbiliment bl-isem 'Soap & Sponge', meta l-attur, li kien qiegħed isuq mutur, ġie milqut minn vettura tal-għamla Land Rover misjuqa mill-konvenuta. L-attur jgħid li dan l-inċident seħħ għax il-konvenuta aġixxiet b'imprudenza, b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, u b'negliġenza fis-sewqan. Jgħid ukoll li konsegwenza ta' dan l-inċident, huwa spiċċa jsofri minn debilità permanenti. L-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li huwa sofra danni b'riżultat tal-inċident imsemmi, u li l-konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti minnu.

Is-soċjetà konvenuta wieġbet li l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie eċċepit ukoll li r-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni hija tal-attur, u għalhekk is-soċjetà konvenuta m'għandhiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti minnu.

Permezz ta' nota ta' ċessjoni ppreżentata fis-6 ta' Marzu, 2018, l-attur ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenuta Nathalie Balzan peress li rriżulta li din l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tagħha, kif ġie eċċepit minnha fir-risposta tagħha.

**Provi u riżultanzi**

Waqt l-udjenza tas-6 ta' April, 2018 xehed l-attur **Stephen Galli**[1], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien nieżel mill-Mosta fid-direzzjoni lejn Birkirkara, bl-inċident li seħħ fi Triq il-Mosta, Ħal-Lija, waqt li kien qiegħed isuq mutur tal-għamla Piaggio Runner. L-attur qal li hu kien għaddej b'veloċità "normali" peress li kien hemm għadd ta' vetturi oħra għaddejjin mit-triq, meta f'ħin minnhom ħabtet fih vettura li ħarġet minn triq sekondarja mal-ġenb tat-triq. L-attur qal li spiċċa mal-art, intilef minn sensih u wara ttieħed l-isptar b'ambulanza. Żied jgħid li b'konsegwenza tal-imsemmi inċident huwa tilef is-smigħ minn waħda minn widnejh, kif ukoll sofra ksur f'imnieħru, fi snienu, u anki f'irkupptejh. L-attur qal li huwa għadu sal-lum jirċievi l-kura għall-imsemmija konsegwenzi. Dwar id-dinamika tal-inċident, l-attur spjega li huwa ntlaqat mill-konvenuta fuq il-parti tax-xellug tal-mutur, u fil-ħin li ntlaqat huwa kien qiegħed isuq b'veloċità normali. L-attur qal li waqt l-inċident huwa tilef ċurkett li kellu valur sentimentali għalih. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li huwa ma rċieva l-ebda kumpens għad-danni li sofra b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

[1] *A fol.* 42 tal-proċess.

L-attur ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija in konnessjoni mal-inċident mertu tal-kawża.[2]

Permezz ta' digriet tas-7 ta' Mejju, 2018, il-Qorti ħatret lil **Mr Herman Karl Borg Xuereb** bħala espert mediku ġudizzjarju sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq l-istat ta' saħħa tal-attur, u jekk konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018, xehed l-Ispettur **Elton Taliana**[3], li qal li l-inċident inkwistjoni seħħ fis-26 ta' Awwissu, 2011, maġenb is-*showroom* ta' S & S Bathrooms, fi Triq il-Mosta, Ħal Lija. Ix-xhud qal li l-Pulizija li marru fuq il-post m'għamlu l-ebda skizz peress li kienet saret Inkjesta Maġisterjali u l-Qorti kienet ħatret perit għal dan l-iskop. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*proces-verbal* tal-Inkjesta Maġisterjali li kienet saret.[4]

Mill-atti tal-Inkjesta Maġisterjali u minn dak li kkonstataw l-esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassistu fl-Inkjesta, jirriżulta li fil-ħin tal-inċident it-triq kienet xotta u b'viżibilità tajba. Il-konvenuta kienet qalet li l-inċident seħħ meta hija ħarġet mid-*drive-in* privata ta' wieħed mill-istabbilimenti li hemm mal-ġenb tat-triq, wara li kien hemm vettura li ċeditilha. Qalet li hija u ħierġa, ħarset lejn ix-xellug tat-triq u minnufih semgħet il-ħoss tal-ħabta mal-mutur. Mill-atti tal-Inkjesta jirriżulta li minkejja li l-impatt ma kienx wieħed qawwi, dan kien biżżejjed biex il-mutur inqaleb. Il-Maġistrat Inkwirenti kkonkluda wkoll li l-konvenuta ma kinitx ħadet il-

[2] *A fol.* 50 tal-proċess.
[3] *A fol.* 59 tal-proċess.
[4] *A fol.* 62 tal-proċess.

prekawzjonijiet meħtieġa sabiex taċċerta ruħha li fit-triq prinċipali fuq in-naħa tal-lemin tagħha ma kienx għaddej traffiku ieħor, u li din naqset milli żżomm il-*proper lookout* rikjest. Il-Maġistrat Inkwirenti kkonkluda wkoll li ma jirriżultax li l-attur kellu xi forma ta' ħtija jew ħtija kontributorja għall-inċident minħabba sewqan negliġenti.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018 xehdet **Doris Vella Cassia**[5], mill-*customer care department* tal-Isptar Mater Dei, li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tal-attur.[6]

Waqt l-istess udjenza xehed **PC 1253 Frederick Brincat**[7], li qal li hu kien ippreżenta sett ta' ritratti flimkien mar-relazzjoni tiegħu fl-atti tal-Inkjesta li kienet saret in segwitu għall-inċident inkwistjoni.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018 xehed **Emanuel Sciriha**, Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali[8], li qal li mir-riċerka tiegħu jirriżulta li kienet saret ittra uffiċjali mill-attur kontra Nathalie Barbara u Citadel Insurance plc, fl-14 ta' Mejju 2015, u ppreżenta kopja tal-istess ittra.[9]

L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Hermann Karl Borg Xuereb**[10] ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-7 ta' Diċembru, 2018, fejn ikkonstata li l-attur, li llum għandu erbgħa u ħamsin (54) sena, kien involut f'inċident tat-traffiku fis-26 ta' Awwissu, 2011. L-espert ġudizzjarju kkonstata li wara l-inċident, l-attur iddaħħal fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, u sussegwentement kienu sarulu għadd ta' testijiet fejn ġie stabbilit li dan kellu ksur f'partijiet

[5] *A fol.* 75 tal-proċess.
[6] *A fol.* 76 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 103 tal-proċess.
[8] *A fol.* 128A tal-proċess.
[9] *A fol.* 129 tal-proċess.
[10] *A fol.* 132 tal-proċess.

minn rasu. L-espert ġudizzjarju qal li d-diżabilità permanenti sofferta mill-attur minħabba n-nuqqas ta' smigħ hija ta' 23%, filwaqt li l-ġrieħi li l-attur sofra f'wiċċu jissarrfu f'debilità permanenti ta' 5%.

Fl-*affidavit* tagħha l-konvenuta **Nathalie Balzan**[11] qalet li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hija kienet qed issuq vettura Land Rover. Qalet li hija taħdem ġewwa l-istabbiliment S & S Bathrooms, u l-inċident seħħ proprju hekk kif ħarġet mid-*drive-way* tax-xogħol tagħha, u kif waslet fit-tarf tad-*drive-way,* waqfet sabiex tara s-sitwazzjoni tat-traffiku kif kienet u jekk setgħetx toħroġ bil-vettura tagħha fit-triq prinċipali. Spjegat kif waqt li hija kienet wieqfa fid-*drive-way,* kien hemm vettura li ċeditiha biex toħroġ, u meta rat hekk, ħarset lejn ix-xellug biex tara jekk setgħetx taqsam għall-karreġġjata l-oħra li twassal lejn il-Mosta. Żiedet tgħid li mingħajr ma laħqet reġgħet dawret wiċċha, semgħet ħoss u ħasset daqqa mal-karozza, fil-parti ta' quddiem, fuq il-lemin tagħha, u wara li semgħet dan il-ħoss rat raġel jitkaxkar lejn ix-xellug tagħha, u dan tkaxkar għal diversi metri. Il-konvenuta qalet li l-mutur ġie minn wara l-vettura li kienet ċeditilha u qabiżha. Qalet li l-inċident seħħ fi ftit sekondi, u f'dak il-ħin hija kienet wieqfa. Il-konvenuta spjegat kif wara l-inċident, l-attur qam mill-art u pprova jitlaq minn fuq il-post, iżda kien hemm xi nies li żammewh. Il-konvenuta sostniet li hi m'għandha l-ebda tort għall-imsemmi inċident, u kien is-sewwieq tal-mutur li baqa' dieħel fil-vettura tagħha li kienet wieqfa.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar 2019 xehdet **Katarina Zammit**[12], li qalet li fiż-żmien meta seħħ l-inċident hija kienet taħdem ma' S & S Bathrooms, li qegħdin f'Mosta Road, Ħal Lija, u dak iż-żmien il-konvenuta kienet kollega

[11] *A fol.* 136 tal-proċess.
[12] *A fol.* 146 tal-proċess.

tagħha. Ix-xhud spjegat kif fil-ħin li seħħ l-inċident, hija u l-konvenuta kienu ħerġin mix-xogħol, u rat lill-konvenuta wieqfa fid-*drive-in* tal-istabbiliment fejn kienu jaħdmu, u din kienet għadha wieqfa qiegħda tistenna biex tkun tista' toħroġ għat-triq ewlenija. Ix-xhud qalet li f'ħin minnhom rat lill-konvenuta ħierġa mill-vettura tagħha, wara li rat raġel jitkaxkar fit-triq. Ix-xhud qalet li eżatt wara l-inċident, il-konvenuta bdiet tgħid li hi ma kinitx rat is-sewwieq tal-mutur minn fejn ġie. Din ix-xhud qalet li r-raġel li kien involut fl-inċident qam fuq saqajh wara xi ħin u beda jirrifjuta li jitla' fuq l-ambulanza li waslet fuq il-post.

Il-kontroeżami tal-attur sar waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019[13], fejn qal li kulma jiftakar mill-inċident huwa li kien għaddej fi Triq il-Mosta, Ħal Lija, għalkemm qal li ma jafx x'ġara eżatt wara l-impatt mal-vettura misjuqa mill-konvenuta. L-attur qal li minkejja li ma jiftakar xejn dwar l-inċident, huwa jaħseb li fil-ħin li seħħ l-inċident kien għaddej b'veloċità ta' madwar 50 kilometru fis-siegħa. Qal li meta ġie f'sensih, kien ra l-vettura misjuqa mill-konvenuta f'nofs ta' triq.

Permezz ta' nota tat-18 ta' Marzu, 2019, is-soċjetà konvenuta ppreżentat għadd ta' domandi lill-espert mediku ġudizzjarju Mr Herman Karl Borg Xuereb in eskussjoni. L-espert mediku ġudizzjarju rrisponda permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' April, 2019[14], fejn spjega li hu kirurgu fil-qasam tal-ENT, u qal li wara li eżamina lill-attur kien stabbilixxa li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' telf ta' smigħ, liema debilità ma tistax tiġi kkorreġuta b'xi intervent. L-espert mediku ġudizzjarju qal ukoll li jista' jkun li l-attur kellu problemi ta' smigħ qabel seħħ l-inċident inkwistjoni.

[13] *A fol.* 160 tal-proċess.
[14] *A fol.* 176 tal-proċess.

Il-kontroeżami tal-konvenuta **Nathalie Balzan** sar waqt l-udjenza tat-12 ta' April, 2019[15], fejn spjegat li dakinhar li seħħ l-inċident, kienet għadha kemm spiċċat minn ġurnata xogħol fi stabbiliment li jinsab f'Mosta Road, Ħal Lija, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' waranofsinhar. Qalet li hi u ħierġa mid-*drive-way* ta' dan l-istabbiliment fejn kienet taħdem, kien hemm vettura li ċeditilha u hija laħqet ħarġet fl-ewwel karreġġjata tat-triq. Qalet li kien proprju hemmhekk, fl-ewwel karreġġjata, li seħħ l-impatt bejn il-vettura tagħha u l-mutur tal-attur. Il-konvenuta qalet li l-mutur misjuq mill-attur ma ratux u lanqas taf minn liema direzzjoni kien ġej, għalkemm ikkonfermat li kien hemm impatt mal-vettura tagħha, meta l-attur ħabat mal-parti ta' quddiem tal-vettura tagħha. Il-konvenuta qalet li wara li seħħ l-impatt hija ħarġet mill-vettura tagħha u rat lill-attur mal-art. Qalet li minkejja li hija kellha vista tajba tat-triq, hija fl-ebda ħin ma rat lill-attur.

Fl-*affidavit* tagħha **Jennifer Gatt**, *executive head, motor and general business* mas-soċjetà konvenuta[16], qalet li l-vettura tal-għamla Land Rover Freelander assigurata b'polza tat-tip *comprehensive* mas-soċjetà konvenuta, fis-26 ta' Awwissu, 2011 kienet involuta f'inċident tat-traffiku. Qalet li l-polza nħarġet f'isem ċertu Nicholas Balzan, u fil-ħin li seħħ l-inċident, kienet qiegħda ssuq il-vettura inkwistjoni l-mara tat-tifel tiegħu, il-konvenuta f'dawn il-proċeduri. Ix-xhud qalet li wara li seħħ dan l-inċident, is-soċjetà konvenuta kienet irċeviet ittra legali, indirizzata lil Nathalie Balzan, fejn din intalbet tammetti t-tort għall-inċident inkwistjoni, iżda s-soċjetà konvenuta riedet tara l-eżitu tal-Inkjesta Maġisterjali qabel tammetti xi forma ta' responsabbilità għall-inċident. Ix-xhud qalet li fl-1 ta' Lulju, 2013 is-soċjetà konvenuta ġiet notifikata

[15] *A fol.* 170 tal-proċess.
[16] *A fol.* 181 tal-proċess.

b'ittra uffiċjali bid-data tal-24 ta' Ġunju, 2013, indirizzata lil Nathalie Balzan, li permezz tagħha l-attur interpellaha tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu minħabba fl-inċident inkwistjoni. Ix-xhud żiedet tgħid li peress li l-konvenuta ma rrikorrietx għandhom b'xi ittra ġudizzjarja jew b'xi kawża, is-soċjetà konvenuta qieset li dan kien każ magħluq. Qalet ukoll li fil-21 ta' Mejju, 2015, is-soċjetà konvenuta irċeviet ittra oħra, din id-darba indirizzata lil ċerta Nathalie Barbara. Ix-xhud qalet li din kienet ħaġa stramba għax ma kienx irriżulta li s-soċjetà konvenuta kellha lil xi ħadd assigurat magħha b'dak l-isem. Ix-xhud żiedet tgħid li wara li għaddew sentejn minn meta ntbagħtet din l-ittra uffiċjali, is-soċjetà konvenuta kienet irċeviet l-atti tal-kawża odjerna, indirizzati ukoll lil 'Nathalie Barbara' u lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qalet li l-inkartament tal-kawża kien nieqes minn kull referenza għan-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura involuta fl-inċident, u għar-rapport tal-Pulizija li sar in segwitu għall-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qalet li l-kawża odjerna hija preskritta peress li la l-konvenuta Nathalie Balzan u lanqas is-soċjetà konvenuta ma rċevew xi ittra uffiċjali mingħand l-attur wara Ġunju jew Lulju tas-sena 2013. Ix-xhud qalet wkoll li l-inċident seħħ meta l-konvenuta kienet wieqfa, u l-attur qabeż għadd ta' vetturi li kienu wieqfa, bil-konsegwenza li kien hu li daħal fil-vettura misjuqa mill-konvenuta.

Il-kontroeżami tax-xhud **Jennifer Gatt** sar waqt l-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2019[17], li kkonfermat li s-soċjetà konvenuta kienet ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju, 2015, fejn kien hemm imniżżla d-dettalji kollha dwar l-inċident, minkejja li d-dettalji tal-assigurata ma kinux korretti.

---

[17] *A fol.* 186 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2019 xehed il-**PL Mario Buttigieg**[18], li kien ġie inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Maġisterjali sabiex jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li l-inċident inkwistjoni seħħ quddiem l-istabbiliment bl-isem Soap and Sponge wara l-ħinijiet tax-xogħol, waqt li l-konvenuta kisret biex titla' fid-direzzjoni tan-Naxxar biex titla' 'l fuq. Il-konvenuta waqfet, kien hemm vettura li ċeditilha biex tgħaddi, u hekk kif saqet u kienet ser taqbad il-karreġġjata fuq in-naħa l-oħra tat-triq, seħħ l-impatt. Ix-xhud qal li huwa kien għamel rakkomandazzjoni sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-attur minħabba li dan kien saq fuq linja kontinwa bajda. Dan ix-xhud qal li kien l-attur li għamel manuvra ta' sorpass u kien minħabba f'hekk li l-konvenuta u l-attur ma rawx lil xulxin.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti fl-ewwel lok sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta. Irid jiġi ppuntwalizzat li permezz ta' nota ta' ċessjoni tas-6 ta' Marzu, 2018, l-attur ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenuta Nathalie Balzan peress li rriżulta li l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tal-konvenuta, filwaqt li talab li l-kawża titkompla fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.

L-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

> "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn."

[18] *A fol.* 195 tal-proċess.

L-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fis-26 ta' Awwissu, 2011. L-attur bagħat żewġ ittri uffiċjali, li ġew notifikati lis-soċjetà assikuratriċi, waħda f'Ġunju tal-2013, u għalhekk qabel għadda l-perijodu ta' sentejn preskritt mil-liġi, u l-oħra f'Mejju tal-2015 u għalhekk qabel ma għaddew sentejn oħra mill-ewwel ittra uffiċjali. Il-kawża odjerna kienet ippreżentata fil-21 ta' Marzu, 2017, u għalhekk jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-attur qatt ma ħalla l-perjodu preskrittiv ta' sentejn jgħaddi mingħajr ma intavola xi att ġudizzjarju fil-konfront tas-soċjetà konvenuta. Għaldaqstant jirriżulta b'mod ċar li l-azzjoni attriċi mhijiex preskritta fir-rigward tas-soċjetà konvenuta.

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni. Jirriżulta mill-provi li dan l-inċident seħħ fis-26 ta' Awwissu, 2011, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' waranofsinhar, waqt li l-konvenuta Nathalie Balzan kienet ħierġa mid-*drive-way* tal-istabbiliment Soap and Sponge li jinsab fi Triq il-Mosta, Ħal Lija. L-attur kien għaddej mit-triq ewlenija bil-mutur, filwaqt li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Land Rover. Il-konvenuta qalet li hija u ħierġa mid-*drive-way* fit-triq ewlenija, kien hemm vettura li ċeditilha, u kien għalhekk li hi ħarset fuq ix-xellug tagħha sabiex taċċerta ruħha li minn dik in-naħa tat-triq ma kienet ġejja l-ebda vettura oħra, u qabel ma laħqet ħarset fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, semgħet il-ħoss ta' xi ħadd dieħel fil-vettura tagħha, u minnufih rat lill-attur jitkaxkar mat-triq. Waqt il-kontroeżami li sar lill-konvenuta, hija qalet li fil-ħin li seħħ l-inċident, hija kienet laħqet ħarġet fl-ewwel parti tal-karreġġjata tat-triq ewlenija, u kienet qiegħda taħseb biex taqsam għan-naħa l-oħra tat-triq. Min-naħa tiegħu l-attur qal li ma jiftakarx id-dinamika tal-inċident, għalkemm jirriżulta li ntlaqat fuq in-naħa tax-xellug tal-mutur tiegħu, u l-impatt kien

wieħed sostanzjali. Konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-attur spiċċa jsofri minn debilità permanenti, u meta ddaħħal l-isptar kien għal xi żmien fil-periklu li jitlef ħajtu.

**Ikkonsidrat:**

Illi minkejja li l-konvenuta qalet li fil-ħin li seħħ l-inċident kienet f'vettura kważi stazzjonarja, l-impatt bejn il-vettura tal-konvenuta u l-mutur tal-attur xorta waħda kien wieħed qawwi, bl-attur itir minn fuq il-mutur tiegħu u jitkaxkar għal ċerta distanza fit-triq. Mill-provi jirriżulta li l-inċident seħħ waqt li l-attur kien nieżel bil-mutur tiegħu mit-triq li mid-direzzjoni tal-Mosta twassal lejn Ħal Lija, waqfet vettura fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq, il-vettura li l-konvenuta qalet li ċeditilha biex tkun tista' toħroġ, u hekk kif il-konvenuta ħarġet fit-triq ewlenija, din tajret lill-attur li kien għaddej bil-mutur tiegħu.

Il-Qorti tqis li l-inċident seħħ għax il-konvenuta m'użatx l-attenzjoni rikjesta minn kull sewwieq, qabel għamlet il-manuvra li toħroġ fit-triq, fejn kellha taqsam żewġ karreġġjati, u ħarġet fit-triq mingħajr ma kienet ċerta li ma kien ġej ħadd aktar minn l-ebda direzzjoni. Il-konvenuta stess xehdet li hija laħqet ħarset biss fuq in-naħa tax-xellug tagħha, u bdiet ħierġa fit-triq mingħajr ma ħarset ukoll fuq il-lemin tagħha. Kien f'dan il-ħin li semgħet ħoss u rat lill-attur jitkaxkar tul it-triq. Mill-provi jirriżulta li l-konvenuta ma żammitx il-*proper lookout* li kull sewwieq huwa mistenni li jżomm meta jkun fit-triq, aktar u aktar meta jirriżulta li din riedet taqsam żewġ karreġġjati, u kienet diġà ħarġet f'waħda minnhom.

L-obbligu li sewwieq iżomm *a proper lookout* ingħata tifsira f'diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla**[19], intqal illi:

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

F'deċiżjoni mogħtija minn qorti barranija, spiss iċċitata mill-Qrati lokali, fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[20], l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[21], il-Qorti qalet:

> "*Driver* ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

[19] 17.06.1961.
[20] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).
[21] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 21.05.1960.

F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[22], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi insenjamenti tal-qrati tagħna, sabiex ikkonkludiet li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li kellu jwieġeb għalih is-sewwieq:

> "Illi fir-rigward ta' *proper lookout* dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu '*an awareness of his immediate vicinity'* u ċioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri *vs* R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea *vs* Oresta Sammut** App. 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace *vs* C. Grima,** App. Inf. 16/05/97; **A. Gatt *vs* M. Shephard,** App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."

Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti qiegħda tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb hi għad-danni sofferti mill-attur, peress li mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-assigurata tagħha Nathalie Balzan għandha responsabbilità x'iġġorr għall-mod kif seħħ l-inċident.

Il-Qorti tirrileva wkoll li fil-kamp ċivili kolpa tfisser nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' *bonus paterfamilias,* kif imfissra fl-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Irid jintqal ukoll li l-grad ta' prova fi proċeduri ċivili huwa differenti mill-grad ta' prova fil-kamp kriminali, u filwaqt li l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali jistgħu jitqiesu bħala prova fil-proċeduri odjerni, madanakollu l-indaġini li trid tagħmel din il-Qorti hija għalkollox indipendenti minn kull indaġini oħra li saret minn xi qorti oħra dwar il-fatti ta' dan il-każ. Hawnhekk ikun pertinenti li l-Qorti tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell

---

[22] 01.03.2001

f'deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Ann Borg noe *vs.* Korporazzjoni Enemalta et**[23], fejn għamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> "Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li huma indipendenti minn xulxin[24], u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex konklussivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili.[25] Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru tal-prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali."

Hekk stabbilita l-kwestjoni tar-responsabbilità għad-danni sofferti mill-attur, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida tali danni.

*Damnum Emergens:*

L-attur ma ressaq l-ebda prova ta' xi forma ta' danni materjali sofferti minnu, u għalhekk il-Qorti qiegħda tqis li l-attur m'għandu l-ebda pretensjoni f'dan ir-rigward.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[26], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak

[23] P.A., 31.01.2011.
[24] L-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali.
[25] **Carmelo Micallef St John et *vs* Richard Spiteri et,** Appell Ċivili, 15.01.2002.
[26] P.A., 18.02.2013.

> it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[27], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

L-attur ma ressaq l-ebda prova fir-rigward tal-introjtu tiegħu għaż-żmien meta seħħ l-inċident. Mill-provi jirriżulta li l-attur għamel xi żmien fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, iżda dan kien wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Bħalma jsir f'każijiet simili fejn min jivvanta pretensjoni għall-ħlas ta' kumpens għad-danni ma jġib l-ebda prova fir-rigward tal-introjtu tiegħu fiż-żmien rilevanti, il-Qorti sejra tadotta bħala bażi ta' dħul għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel, il-paga minima nazzjonali għas-sena 2011 meta seħħ l-inċident inkwistjoni, li jirriżulta li għal persuna li kienet qabżet l-età ta' tmintax-il sena kienet €7,979.40 gross u €7,181.46 nett wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.[28] Dan l-ammont irid jiġi aġġustat skont ir-rata tal-inflazzjoni

---

[27] P.A., 27.04.2005.
[28] Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71.

medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[29] Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2011 għalhekk ser tiġi aġġustata abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[30], sabiex b'hekk l-*lucrum cessans* soffert mill-attur qed jiġi kkalkulat b'dan il-mod: €7,181.46 + €8,662.13 / 2 = €7,921.80.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sebgħa u erbgħin (47) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 13, tenut kont li persuna fl-età tal-attur hu mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[31], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma

[29] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rata tal-inflazzjoni matul is-snin 2011-2015 kienet: 2011: 2.72%; 2012: 2.42%; 2013: 1.38%; 2014: 0.31%; u 2015: 1.10%. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin għalhekk kienet ta' 2.72% + 2.42% + 1.38% + 0.31% + 1.10% / 5 = 1.59%.

[30] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe.** intqal illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

[31] P.A., 10.05.2005.

magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern inqalgħet diffikultà dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur, minħabba li l-espert mediku ġudizzjarju Mr Herman Karl Borg Xuereb wasal għall-konklużjoni li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' 23% minħabba t-telf ta' smigħ, u 5% minħabba ċikatriċi f'wiċċ l-attur li ser tibqa' tidher b'mod permanenti. Il-Qorti tqis li jkun utili hawnhekk li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[32]:

"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et, App. 20.02.2009**)."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frendo *vs.* Cachia**[33], il-Qorti qalet illi:

"Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-*weighted average* tad-debilitajiet permanenti sofferti mill-attur jagħtu rata globali ta' 27%.[34]

[32] 31.01.2014.
[33] P.A., 20.04.2009.
[34] (100-23/100)x5+23.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentata r-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2018 minkejja li l-inċident kien seħħ fl-2011, u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €7,921.80 x *multiplier* ta' 13 x 27% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €27,805.52 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€22,244.41). Huwa dan l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**
2. **Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta għandha bħala kumpannija assiguratriċi tal-konvenuta Nathalie Balzan, tassumi r-responsabbilità**

**għall-inċident awtombilistiku li seħħ fis-26 ta' Awwissu, 2011 fi Triq il-Mosta ġewwa Ħal Lija, liema inċident seħħ minħabba imprudenza, nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u negliġenza tal-konvenuta Nathalie Balzan, u s-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati mill-assigurata tagħha lill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident;**

**3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur danni ekwivalenti għal tnejn u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€22,244.41).**

**Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal wieħed minn sitta mill-attur u kwantu għal ħamsa minn sitta mis-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**